# 28 ta' Ġunju, 1957

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Contessa Maria Teresa Apap Bologna Gatto

*versus*

Avukat Dr. Joseph Reynaud et ne.

## Eżekutur Testamentarju — Terminu biex Jeseġwixxi t-Testment — Mandat.

*Huwa dmir u obligu tal-eżekuturi testamentarji li jeżegwixxu t-testment; u fl-eżekuzzjoni ta' dan l-inkariku tagħhom huma għandhom l-obligu, bħala mandatarji, li jużaw id-debita diliġenza; u ma jistgħux jitnikkru u jiddawru bla bżonn biex jillikwidaw il-pendenza tal-eżekuzzjoni tat-testment.*

*Jekk jiltaqgħu ma' xi diverġenza ta' opinjoni mal-persuni nteressati fit-testment, u ma jkunux iridu jassumu r-responsabbiltà tal-opinjoni tagħhom bħala eżekuturi, huma jistgħu liberament jipproċedu ġudizzjarjament u jitolbu, fil-kontestazzjoni mal-interessati, deċiżjoni mill-Qorti dwar il-mod tal-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji u l-ħlas tal-legati; jekk isibu ruħhom intralċjati mill-interessati fil-ġbir tar-renti tal-eredità, il-liġi tipprovdilhom il-mezzi biex jirreklamaw id-drittijiet u l-poteri tagħhom ta' eżekuturi; imma ma huma qatt ġus-*

*tifikati li jitnikkru u jdumu ma jeżegwixxu t-testment b'dewmien inġustifikat.*

*Għaldaqstant, il-Qorti, fuq talba tal-interessati, għandha tipprefiġġi lill-eżekutur testamentarju terminu biex jeżegwixxi t-testment, jekk iċ-ċirkustanzi fil-każ partikulari jiġġustifikaw dan il-provvediment, u fin-nuqqas tiegħu fiż-żmien hekk prefiss tissostitwixxi għalieħ persuna oħra bħala eżekutur.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attriċi fil-kwalità tagħha fuq imsemmija, wara li tippremetti illi, bit-testmenti fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tat-8 ta' Settembru 1950 u tat-18 ta' Ottubru 1951, it-testatriċi Maria armla tan-Nobbli Cavaliere Nicodemo Gandolfo ordnat il-legati elenkati fi-imsemmija testmenti; u illi bit-testment tat-18 ta' Ottubru 1951 it-testatriċi istitwietha bħala legatarja universali tagħha f'dak kollu li ma kienetx iddisponiet bl-imsemmija testmenti; u illi l-konvenuti nomine eżegwew il-maġġur parti tal-legati fuq imsemmija, u, biex wieħed jgħid hekk, l-aktar importanti, imħollija mit-testatriċi, u fadal biss il-legati mħollija fl-art. 7, subartikoli 1, 2, u 9 u fl-art. 12, 16, 17, 24 u 28 tat-testment tat-8 ta' Settembru 1950; illi hija trid li tkun immessa fil-pussess tal-legat lilha mħolli, u hija pronta għal dan l-effett tiggarantixxi b'ġidha kollu l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji fuq imsemmija; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, din il-Qorti tipprefiġġi lill-konvenuti fl-imsemmija kwalità tagħhom terminu qasir u perentorju li fiħ huma għandhom jeżegwixxu l-legati fuq imsemmija, u jimmettuha fil-pussess tal-legat lilha mħolli; u f'każ ta' inadempjenza fiż-żmien hekk prefiss, hija tiġi awtorizzata tieħu pussess tal-legat lilha spettanti, bl-obligu li hija stess teżegwixxi l-legati li jkunu għadhom ma ġewx eżegwiti; u dana b'garanzija ta' ġidha kollu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, li bija jesponu illi skond it-testmenti tad-decujus l-attriċi, li hija legatarja fir-residwu, ma

għandhiex ikollha l-amministrazzjoni tal-beni lilha mħollija sakemm ma jkunx sar l-adempiment puntwali u eżatt tal-laxxiti l-oħra kollha; sa liema żmien l-amministrazzjoni għandha tibqa' f'idejhom, li għandhom ukoll il-fakoltà li jbiegħu beni biex jeżegwixxu l-laxxiti l-oħra; illi, kif jidher aħjar mid-dikjarazzjoni li ġiet annessa, diversi laxxiti għad ma setgħux jiġu adempiti, u l-adempiment tad-dispożizzjonijiet testamentarji u l-eżekutorija ma setgħux jiġu konklużi, u f'diversi każi minħabba l-aġir tal-attriċi u ħtija tagħha. Għalhekk id-domanda hi intempestiva u infondata, u timmerita li tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenzaa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Marzu 1957, li biha ġew miċħuda t-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi d-domanda tal-attriċi hi prinċipalment intiża biex jiġi lill-konvenuti, fil-kwalità tagħhom imsemmija fiċ-ċitazzjoni, prefiss terminu qasir u perentorju li fih huma għandhom jeżegwixxu l-legati li għadhom ma ġewx eżegwiti, ordnati fit-testmenti msemmijin ukoll fiċ-ċitazzjoni. Bażi tad-domanda attriċi hi li l-maġġur parti tal-legati, anzi dawk l-aktar importanti, imħollija mit-testatriċi, ġa jinsabu eżegwiti; u illi għad fadal isiru ftit, u ta' portata żgħira, u l-konvenuti ma jeħtieġilhomx żmien twil biex jagħtu eżekuzzjoni għalihom; u hija pronta biex teżegwihom hija stess, billi għal dan l-effett toffri bħala garanzija l-beni tagħha kollha;

Illi, għalkemm hu veru li l-adempiment tal-biċċa l-kbira tal-legati msemmija sar, diversi minn dawn ġew eżegwiti mill-istess attriċi, x'uħud minnhom b'intiża malkonvenuti; u għal dan ma hemm ebda kontestazzjoni, naturalment minn dawn tal-aħħar; imma oħrajn ġew eżegwiti minnha ad insaputa tal-konvenuti jew b'mod divers minn dak kif kien ġie miftiehem bejnha u l-konvenuti, b'mod li dawn jinjoraw u jikkontestaw dik l-eżekuzzjoni, u jallegaw li di fronti tagħhom l-istess għandha titqies li ma saretx;

Din il-Qorti mhix imsejħa biex tiddeċidi *dwar il-validità* u meno tal-eżekuzzjoni ta' dawn l-aħħar imsemmijin

legati, imma jista' jingħad li minħabba din il-kontestazzjoni tal-konvenuti l-legati li għad fadal jiġu eżegwiti mhumiex dawk biss indikati mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni. Mill-legati, mbgħad, li għad baqa' jiġu eżegwiti, u li ndikat l-attriċi jirriżulta li x'uħud ma sarux, jew għaliex ma nstabx ir-rikapitu tal-persuna legatarja, jew għaliex inqalgħet kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni relattiva fuq l-oġġett imħolli b'legat, u l-attriċi rrifjutat is-suġġeriment tal-konvenuti li din il-kwistjoni tinġieb għad-deċiżjoni quddiem il-Qorti;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx li hemm raġuni għaliex għandu jiġi lill-konvenuti mpost terminu biex fiħ jagħtu eżekuzzjoni tal-legati msemmijin, u wisq anqas għaliex l-attriċi għandha tiġi sostitwita għalihom biex teżegwixxi hija dawk il-legati. It-testatriċi riedet lill-konvenuti bħala eżekuturi tal-aħħar volontà tagħha, u jrid ikun hemm raġuni gravi biex huma jiġu mneħħija minn dak l-inkariku u sostitwiti min ħadd ieħor;

Bħala raġuni għal din is-sostituzzjoni, kif deher b'mod evidenti mid-dibattitu orali, l-attriċi tadduċi l-inerzja, li hija tattribwixxi lill-konvenuti għal skopijiet tagħhom ulterjuri u b'detriment tagħha, fl-adempiment tad-dmirijiet tagħhom bħala eżekuturi testamentarji tad-decujus. Immi din ir-raġuni lamentata mill-attriċi ma ġietx sostanzjata mill-provi. Għall-kuntrarju, pjuttost jirriżulta li kien dovut għall-fatt tal-attriċi, tant bl-aġir kemm bl-intromissjoni tagħha fil-kamp tad-dmirijiet u tad-drittijiet tal-konvenuti bħala eżekuturi tal-imsemmija legati. Infatti, kif ġie pruvat, kien mill-bidu nett li, meta l-konvenuti, biex jagħtu kors spedit għal din l-eżekuzzjoni, talbu lill-attriċi tagħtihom xi informazzjoni għal dak l-iskop li hija stess setgħet tagħtihomlhom, minflok ma kkooperat magħhom, eżiġiet li jkun hemm korrispondenza, u per mezz tal-konsulent legali tagħha. Fil-kors tal-eżekutorija, l-attriċi, kif hija stess tammetti fix-xhieda tagħha, spontaneament u ad insaputa tal-konvenuti, ħadet f'idejha l-amministrazzjoni tal-beni tad-decujus, u baqgħet iżżommha għalkemm ġiet diffidata mill-konvenuti, mingħajr

lanqas ma tathom kont dettaljat tal-introjtu u tal-eżiti relattivi; liema ħaġa mhux biss ostakolat lill-konvenuti fl-andament tal-eżekutorija, imma wkoll l-attriċi lanqas setgħet tagħmilha; għaliex it-testatriċi, meta nnominat lill-konvenuti eżekuturi tal-aħħar volontà tagħha, ikkonferietilhom il-fakoltajiet kollha li soltu jiġu mogħtija lil simili eżekuturi, u kkomprendietilhom ukoll dik li jammministraw is-sustanzi ereditarji sal-ġurnata tal-eżatt u puntwali adempiment tad-dispożizzjonijiet testamentarji. Kif ġa ngħad, l-attriċi eżegwiet hija stess legati ad insaputa tal-konvenuti; u fejn kellha, fuq talba tagħha, l-awtorizzazzjoni mill-konvenuti biex teżegwixxi xi legati, din l-eżekuzzjoni ma kienetx konformi għall-mod miftiehem mal-konvenuti u għal dak li ġie ordnat mit-testatriċi;

l-attriċi rrikorriet ukoll quddiem is-Santa Sede, fejn talbet u otteniet riduzzjoni ta' legat; u dan għamlitu bla ma għarrfet minn qabel lill-konvenuti; anzi dawn allegaw li l-informazzjonijiet li l-attriċi tat b'sostenn ta' dik it-talba lis-Santa Sede ma kienux korretti;

Illi għalhekk it-talba tal-attriċi għall-prefissjoni ta' żmien lill-konvenuti, u l-oħra għaliha konsegwenzjali, ma jirriżultawx ġustifikati;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, li biha appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Marzu 1957;

Rat il-petizzjoni tal-attriċi appellanti, li talbet ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tagħha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti appellati ġew nominati eżekuturi testamentarji ta' Maria Gandolfo Sabatini Contessa Caruana Gatto, b'testment sigriet miftuħ u publikat fit-2 ta' April 1952, u ddatat 20 ta' Settembru 1950; u b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Diċembru 1953 huma ġew konfermati f'dik il-karika, wara li għamlu l-inventarju korrettorju fit-13 ta' Novembru 1953;

Illi bit-testment tat-18 ta' Ottubru 1951 id-decujus ħalliet lill-attriċi legatarja universali ta' dak kollu li minnu ma kienetx iddisponiet xort'oħra f'dak it-testment jew f'testmenti oħra; u għaldaqstant l-attriċi għandha d-dritt li tikkonsegwixxi dak kollu li jifdal wara li jiġu soddisfatti l-legati; u fl-istess testment ġie lilha mpost l-obligu li tħallas it-taxxa tas-suċċessjoni anki tal-legati;

Illi huwa dmir u obligu tal-eżekuturi li jeżegwixxu t-testmenti, u l-attriċi għandha nteress li dan ifittex isir biex hija tieħu li jmissha. Jeħtieġ immela li jiġi stabbilit definittivament x'jifdal għall-attriċi, billi f'dak li jifdal jikkonsisti preċiżament il-legat universali li ġie lilha mħolli;

Fl-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiett testamentarji l-eżekuturi huma obligati, bħala mandatarji, jużaw id-debita diliġenza, u ma jistgħux jitnikkru u jiddawru bla bżonn. Għaldaqstant ma jistgħax wieħed ma jitħassibx u ma jinsistix biex dak li għandu jsir isir, u tiġi likwidata l-pendenza tal-eżekuzzjoni tat-testment, meta wieħed jikkunsidra li għaddew iżjed minn ħames snin mindu nfetħet is-suċċessjoni tad-decujus;

Illi l-lum il-biċċa l-kbira tal-legati partikulari ġew soddisfatti, u ma jidher li hemm ebda diffikoltà insormontabbli għalbiex jiġu soddisfatti dawk li fadal. Jekk fuq il-mod tal-eżekuzzjoni ta' xi legat partikulari kien hemm jew għad hemm xi diverġenza ta' opinjoni bejn il-partijiet u l-konvenuti ma riedux jassumu responsabbiltà personali bħala eżekuturi li jimponu d-deċiżjoni tagħhom, setgħu liberament jipproċedu ġudizzjarjament u jitolbu li fil-kontestazzjoni mal-interessati jiġi deċiż il-mod tal-eżekuzzjoni u ħlas tal-legat. Kien dmir tagħhom li jlaqqgħu l-interessati u jfittxu jaslu f'konklużjoni; iżda qatt ma kienu ġustifikati jitnikkru u jħallu ż-żmien għaddej, bit-tama li sa fl-aħħar il-partijiet jifthemu jew jaqtgħu qalbhom. Jekk il-konvenuti dehrilhom li kienu ntralċjati fil-ġbir tarrenti, il-liġi kienet tipprovdilhom il-mezzi biex jirreklamaw id-drittijiet u l-poteri tagħhom ta' eżekuturi. Fl-aħħar mill-aħħar, fuq insistenza tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, ġew mogħtija l-kontijiet mill-attriċi, u l-konvenuti

kellhom l-opportunità jeżaminawhom. Iżda qatt ma kienu ġustifikati jibqgħu passivi u jħallu ineżegwiti t-testmenti, u b'mod partikulari ma kienux ġustifikati jistennew ħames snin għall-għażla ta' ftit oġġetti partikulari. Jekk huma dehrilhom li l-monument ordnat u mixtieq mit-testatriċi, u magħmul mill-attriċi, ma sarx kif kellu jsir, il-konvenuti, bħala eżekuturi, kellhom huma stess jipprovdu biex il-monument isir kif kellu jsir; għax ir-responsabbiltà hija tagħhom. Iżda billi jibqgħu passivi ma jkunux qegħdin jaqdu dmirhom. Similment, ma jkunux qegħedin jaqdu dmirhom meta ma jeħelsux jagħmlu n-neċessarju u jissolleċitaw il-konklużjoni 'tal-pendenza fil-kwistjoni minnhom stess imqajma fuq ir-riduzzjoni tan-numru tal-quddies ordnat mit-testatriċi, u mill-attriċi maqlugħa minn għand is-Sakra Kongregazzjoni u s-Santa Sede. Ċertament, f'ħames snin il-konvenuti kellhom żmien jeżegwixxu t-testmenti, u ma jistgħux jippretendu li jitnikkru iżjed indefinittivament bi preġudizzju tal-legatarja universali, li fuq kollox għandha l-piż tat-taxxa tas-suċċessjoni, li għadu in parti dejn b'imgħax qawwi kontra tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata; u tilqa' t-talbiet, billi għall-finijiet tagħhom tagħti lill-konvenuti sitt xhur żmien. L-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti nomine. Għall-finijiet tat-tieni talba, il-garanzija għandha tkun b'ipoteka ġenerali fl-atti ta' din il-Qorti għal £1000.